# Lil Dun Karm

Nixtieq lil moħħi d-dawl biex nista' nifhem,
u fommi jsib il-kliem kif nista' ndomm,
kullana ta' tifħir, bil-ħsieb mirquma,
għal dak li fl-oħla ġieħ ġo qalbi nżomm

'Mma jien twelidt fqir wisq biex nista' ninseġ,
innaqqax ħsibijiet f'kelmiet tad-deheb,
lejn ġawhret il-Maltin, li baqgħet tlellex,
għalkemm mifni biż-żmien, minn fostna għeb.

Miftakra, tibqa' sseħħ il-ħidma tiegħu,
ma' l-għasel fit-tixbieh, kollha ħlewwiet,
il-benna ta' kitbietu, jekk mixtarra,
tnissel ġo qalbna l-ferħ, ir-rebħ fl-imwiet

Ma żammx għalih id-don mogħti minn Alla,
ried jaqsam ma' kulħadd ifqar fil-ħsieb,
bl-ilsien li ssawwar fih ma' ħalib ommu,
għalih mitqabad sħiħ ma' l-istess ħbieb.

Mewt, li ġejt ħanina sabiex ħaddantu,
ħallejtna il-werrieta imkabbrin,
tax-xogħol, ħidmet il-pinna li għażlitu
l-għaxqa t'art twelidu, tagħna l-Maltin.